IL-KITBA TAL-KLIEM
MILL-INGLIŻ
FIL-MALTI

... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

# *Id-Deċiżjonijiet 2*

Seminar pubbliku – 18 ta' Ġunju 2016

# Konsultazzjoni kontinwa...

- 1984: *Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*

- Diċembru 2007: lista ta' 2000 kelma mill-Ingliż minn gazzetta lokali

- Diċembru 2007: stedina lil diversi persuni għall-opinjoni tagħhom



April 2008: Il-KNM ippubblika dokument għad-Diskussjoni *innaqqsu l-inċertezzi 2* (ġabra ta' 35 fehma)



## 12 ta’ April 2008: seminar pubbliku, attendew 300 ruħ





# Il-KNM kompla janalizza l-fehmiet li dehru fil-gazzetti u fuq l-internet






- Ottubru 2010: Twaqqaf kumitat konsultattiv (lingwisti, għalliema, ġurnalisti, mill-qasam tal-Ingliż, awturi u rappreżentanti tal-Kunsill (**22 laqgħa bejn l-2010 u l-2011**)
- 2011: Membri mill-Kumitat ħadu sehem f'laqgħat ma' għalliema minn kull qasam edukattiv (tal-Istat, tal-Knisja, Indipendenti)
- Jannar 2012: Tfassal **abbozz għad-diskussjoni** fi ħdan il-KNM; laqgħat ma' impjegati fis-settur pubbliku, mill-istituzzjonijiet Ewropej; seminars, korsijiet u laqgħat oħra

- Jannar 2014: Kumitat espert b' 7 membri tekniċi (mil-lingwistika, il-qari tal-provi, l-edukazzjoni, l-Ingliż, il-liġi u l-arti) biex jirfina u jgħarbel l-abbozz tal-ewwel kumitat (**25 laqgħa bejn l-2014 u l-2016**)

- 2015: Konsultazzjoni kontinwa ma' għalliema, studenti, tradutturi, awturi, pubblikaturi, qarrejja tal-provi u oħrajn, anki bis-saħħa ta' kwestjonarju mfassal apposta

- 2015: Stħarriġ kwantitattiv ma' studenti tal-primarja, tal-postsekondarja, kittieba, għalliema u tradutturi Maltin li jaħdmu mal-UE

24 ta' Marzu 2015: Il-KNM mistieden mill-Akkademja tal-Malti biex jiddiskuti s-suġġett mal-membri tagħha, mal-awturi u l-pubblikaturi








- **Mejju 2016:** Il-Kumitat ippreżenta l-proposti tiegħu lill-KNM, preparazzjoni għal seminar pubbliku ieħor
- **18 ta' Ġunju 2016:** Seminar għall-aħħar stadju ta' konsultazzjoni

# Prinċipji Bażiċi

## 1. Il-kliem mill-Ingliż jidħol biss meta l-Malti ma jaqdiniex

- Qabel ma wieħed juża kelma missellfa **jiżgura ruħu li ma jkunx hemm diġà kelma Maltija** li taqdih tajjeb għall-istess tifsira.

- Jista' **jestendi t-tifsira** ta' xi kelma li diġà teżisti
eż. leħħa = flashcard.

- Jista' wkoll **isawwar kliem** mir-riżorsi lingwistiċi tal-Malti
eż. stessu = selfie

## 2. Teżisti differenza fl-aċċettabilità bejn il-lingwa miktuba u l-lingwa mitħaddta

- il-miktub vs. il-mitkellem

- Fil-kitba, irridu noqogħdu b'seba' għajnejn biex **ma ndeffsux kliem Ingliż bla bżonn.**

  eż. *illonċja* flok *nieda* / *vara*

## 3. Mhux kull kelma li mal-ewwel daqqa t'għajn tidhrilna żejda, tkun bilfors żejda

- Spiss jiġri li ż-żewġ kelmiet, il-Maltija u l-missellfa, ikunu qrib sewwa fit-tifsira imma **kull waħda jkollha kuntesti li fihom tintuża hi u mhux l-oħra**, u bil-maqlub.

eż.

**body** (tal-karozza) *vs.* **ġisem**;

**mouse** (tal-kompjuter) vs. **ġurdien**;

**ibbrejka** vs. **waqqaf**;

**issejvja** (programm/fajl tal-kompjuter) vs. **refa'/ġemma'/faddal**;

**ċips** vs. **patata**;

**ikklikkja** vs. **għafas**

**date** (appuntament romantiku) vs. **data** (tal-kalendarju),

**tiċċettja** (fuq l-internet) vs. **titħaddet/tparla**

**frame** vs. **inkwatru**

**training** vs. **taħriġ**

## 4. L-integrazzjoni lessikali hija determinanti: l-ortografija ssegwi

- Il-kriterju ewlieni li bih niddeċiedu jekk kelma daħlitx jew le għandu jkun l-użu mifrux u l-ħtieġa tagħha fil-Malti
- L-ortografija mbagħad trid tipprovdilha mod xieraq ta' kif għandha tinkiteb.
- eż. iceberg (ajsberg?), shampoo (xampù?)
- **Il-kriterju qatt ma għandu jaħdem bil-maqlub u jibqa' jqis b'barranija kelma meħtieġa sempliċiment għax tkun tidher kerha miktuba la Maltija.**
- Proprjament, lanqas il-kriterju tal-adattament morfoloġiku ma huwa determinanti

  eż. plastic

IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

## 5. Kelma mill-Ingliż jista' jkollha aktar minn pronunzja waħda

- Jekk l-ortografija tfornina dejjem b'deċiżjoni waħda u uniformi għal kull każ tkun qed issir vjolenza fuq din il-varjabilità lingwistika.

*Eż.*

canteen – kentin/kantin; manager – maniġer/meniġer

festival – festival/festivil;

## 6. Lejn ortografija iktar matura: qafas li jevita l-ħtieġa tal-listi u jiffoka fuq l-għażla tal-kittieb u l-konsistenza

- Il-kittieb se jkollu għażla minn fost għadd ta’ alternattivi.

- Importanti li:

**(i) jagħżel dik l-alternattiva li tesprimi bl-aħjar mod il-preferenza lingwistika tiegħu.**

(ii) ikun **konsistenti** fl-għażla tiegħu.

IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

# Is-sitwazzjoni preżenti

- *Iż-Żieda* 1984, (pp. 11-13):

**Kelma barranija titqies bħala Maltija meta tkun aċċettata u użata mill-poplu. Din għandha tinkiteb fonetikament.**

Xi jfisser dan?

- Mhux biss għandu jinkiteb la Maltija kliem bħal: skorja, swiċċ, vann, gass, garaxx,
- imma anke kliem bħal:

  erkraftkerjer, bamper, snuker, ħajtenxin,

  erkondixiner, ħerdrajer, ġiksopażil, ajxedow, koktejl,

  plamer, majkrowejv, ...

IL-KITBA TAL-KLIEM
MILL-INGLIŻ
FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

# X’Qed jiġri fil-prattika?

- Hemm min jipprova jagħti dejjem sura Maltija lill-kelma Ingliża: swiċċ, rawndebawt, kowt, tim
- Hemm min iħalli l-kliem miktub bl-Ingliż u jimmarkah:

  *switch*, “roundabout”, ‘coat’, *team*
- Hemm min juża sistema mħallta billi jikteb ċertu kliem la Maltija u kliem ieħor iħallih bl-Ingliż:

  switch, roundabout imma kowt, tim
- Hemm min juża sistema mħallta fl-istess kelma:

  switchijiet, coatijiet, teamijiet
- Hemm min jikteb kelma la Maltija iżda jkun influwenzat mill-Ingliż:

  switċ, rawndabout, komputer

IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI

... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

- Messaġġ ċar u konsistenti li l-Kunsill kien qed jirċievi:

Nevitaw forom ta’ kitba li jitbiegħdu radikalment b’mod viżiv mill-kitba oriġinali.

Dawn jaħsdu lill-qarrej bid-dehra stramba tagħhom u jtellfuh fil-proċess tal-qari tiegħu.

## Il-Possibilitajiet ikkunsidrati

- Il-biċċa l-kbira tal-Maltin qed jiltaqgħu ma' dan il-kliem fil-forma miktuba tiegħu fl-Ingliż ħafna qabel ma jidħol fil-Malti.
- B'hekk il-kelma tkun laħqet indrat viżwalment u wieħed isibha bi tqila biex jaċċettaha f'xi sura differenti
- Meta kelma Ingliża tidħol fil-Malti, jidher li għandna tliet modi kif ninkorporawha fil-kitba Maltija

# 1.

- Il-kelma niktbuha bl-ortografija Maltija għalkollox skont kif jippronunzjawha l-Maltin

(eż. ċans, jott, ħelikopter, tajer, pajp, spaner, bonit, ġimm, kruż).

+

- il-Malti jibqa' jinkiteb b'sistema waħda;
- ir-rabta bejn il-ħoss u l-kitba hija aktar diretta;
- min jikteb ma jkollux għalfejn jieqaf jagħżel bejn sistema u oħra;
- ikun iktar komdu min ma jafx bl-Ingliż, sew jekk Malti jew barrani.

Din is-sistema tista':

- tnaffar lill-qarrej tal-Malti li jaf bl-Ingliż;
- ittellef lil min ikun diġà jaf il-kelma bl-Ingliż fil-proċess tal-qari u l-kitba;
- toħloq varjanti ortografiċi ġodda minħabba l-kliem Ingliż li fil-Malti ħa iktar minn pronunzja waħda (eż. canteen > kantin/kentin; manager > maniġer/ meniġer; spanner > spaner/spener);
- ħafna drabi twassal biex tiċċajpar it-trasparenza tal-binja komposta tal-kelma Ingliża għal min jaf bl-Ingliż (eż. high-up > ħajapp/ħajap, jack hammer > ġekħemer, airconditioner > erkondixiner).

# 2.

- Il-kelma nħalluha bl-ortografija Ingliża għalkollox

  (eż. chance, yacht, helicopter, tyre, pipe, spanner, bonnet,

  gym, cruise).

+

- Il-kittieb jaqbad u jikteb il-kelma bl-Ingliż mingħajr ma jieqaf jaħseb kif se jiktibha bil-Malti.
- Tkun xi tkun il-pronunzja tagħha fil-Malti, il-kelma Ingliża għandha dejjem kitba waħda ġa stabbilita.

- Il-Malti ma jibqax jinkiteb b'sistema waħda kif ilu jinkiteb sa mit-twaqqif tas-sistema uffiċjali.
- F'nofs kitba bil-Malti, il-qarrej isib kelma b'sistema ortografika differenti.
- Il-kittieb se jiġi dahru mal-ħajt meta jkollu jikteb kelma li tinfletti ruħha b'element Malti (se jikteb: pipeijiet, jissaveja l-file?).
- Min mhux familjari mal-Ingliż, sew jekk Malti jew barrani, se tiżdiedlu diffikultà oħra: il-ħtieġa li jkun jaf jikteb/jaqra bl-Ingliż.
- Din is-sistema tista' tħajjar l-użu indiskriminat ta' kliem Ingliż li ma jkunx meħtieġ. (Eż. studenti li għadhom qed jiksbu l-għarfien tal-vokabolarju tal-lingwa nattiva.)

# 3.

- Fil-kitba tal-Malti nħalltu ż-żewġ sistemi, il-Maltija u l-Ingliża:
  - (i) bejn kelma u oħra
  - (ii) fi ħdan kelma waħda

(i) bejn kelma u oħra: jinkiteb la Maltija l-kliem Ingliż li (a) indara jinkiteb la Maltija u/jew (b) jista' jinkiteb la Maltija bla diffikultà.

- il-bqija jibqa' jinkiteb la Ingliża

  Eż. ċans, jott, ħelikopter/helicopter, tyre/tajer, pipe/pajp

  spanner, bonnet, gym, cruise.

## (i) Bejn kelma u oħra:

+

- Din is-sistema tippermettilek tagħmel distinzjoni bejn kelma li dwarha hemm qbil u oħra li dwarha m'hemmx.

–

- B'din is-sistema jkun hemm bżonn ta' lista stabbilita ta' kliem Ingliż li jinkiteb la Maltija u l-kittieb irid joqgħod jiftakarha jew jikkonsultaha.
- Lista bħal din trid tibqa' tkun aġġornata regolarment.
- Jidħol element qawwi ta' soġġettività, lista waħda tista' tkun diskriminatorja.
- Il-ħtieġa li tkun taf tikteb/taqra l-kelma bl-Ingliż.

- (ii) Fi ħdan kelma waħda:

+

- Iz-zokk tal-kelma Ingliża jibqa’ jingħaraf immedjatament.

–

- L-interpretazzjoni tal-istess ħoss b’żewġ sistemi differenti f’kelma waħda hija ta’ tfixkil kemm għall-kittieb kif ukoll għall-qarrej

  Eż (jittrainja, teamijiet, jistrikeja, tixshootja, chanceijiet).

- Mhux ċar għandniex nirduppjaw l-aħħar konsonanti taz-zokk jew le f’xi każi

  Eż. (jiġjack(k)ja, jiċcheck(k)ja)

- Min mhux familjari mal-Ingliż se tiżdiedlu diffikultà oħra: il-ħtieġa li jkun jaf jikteb/jaqra bl-Ingliż.

- L-ebda waħda mill-proposti msemmija ma tipprovdi waħedha soluzzjoni sħiħa għal din l-isfida.

↓

soluzzjoni f'kompromess

- Il-valur tal-konsistenza huwa ta' importanza ewlenija: jagħmel aktar sens li l-kliem li qagħad għall-grammatika tal-Malti jibqa' jinkiteb la Maltija.

- Dan ifisser li:

1. Kull kelma ta' nisel Ingliż li daħlet fil-Malti u qagħdet għar-regoli morfoloġiċi tiegħu għandha tkompli tinkiteb la Maltija.

- strajkijiet, tistrajkja, ktieli, snieter, fajjar, simenta, tistartja, jibblakka, ċansijiet, xokkijiet, iggaraxxjata, niskrinjaw, iwweldjat

# NOTA IMPORTANTI

- Il-plural ta' nisel Ingliż -s illum jitqies bħala wieħed mill-plurali tal-Malti ladarba hemm kliem Malti li ma jiħux ħliefu (eż. films, drinks).

IŻDA

- Għall-iskop ta' din ir-regola, dan il-plural m'għandux jitqies awtomatikament bħala kriterju tal-integrazzjoni.

Kliem bħal roundabouts, airconditioners, part-timers, hairdressers, windscreens m'għandux jinkiteb bil-Malti sempliċiment bis-saħħa tal-plural –s tiegħu.

2. Il-konsistenza titlob li s-suriet kollha tal-istess nom jew tal-istess verb, kemm jista' jkun, jinkitbu bl-istess zokk, kemm jekk jinkiteb la Maltija u kemm jekk jinkiteb la Ingliża.

(eż. nom sing. > nom plural

brejk > brejkijiet/brejks JEW brake > brakes)

- B'dan il-mod nissuġġerixxu li fl-istess kitba għandna nevitaw każi ta' inkonsistenza bħal:

  Kellu inċident għax marrulu l-**brejkijiet**; għalxejn għafas il-pedala tal-~~**brake**~~ għax xorta waħda daħal fil-ħajt.

- Fil-każ tal-verb, il-konsistenza toħroġ awtomatikament billi s-suriet kollha tiegħu jieħdu ż-żieda ta' affissi Maltin.

  (eż. jikklejmja, tikklejmja, ikklejmjajna, ikklejmja, eċċ.)

- Forom bħal dawn huma esklużi:
  - *jikclaimja*
  - *chanceijiet*

Dan ma jfissirx li zokk ta' verb miktub la Maltija jrid bilfors jinkiteb hekk fin-nom ukoll għaliex, ngħidu aħna, minkejja li niktbu: *jiċċettja, jiskenja, jiġġoggja*,

ħafna jsibuha diffiċli biex jaċċettaw il-kitba tan-nomi: *ċett/ċeting, skener* u *ġoging*,

u jippreferu jżommu l-forma bl-Ingliż: *chat/chatting, scanner* u *jogging*.

**Il-kliem ta' nisel Ingliż (mhux integrat grammatikalment) tista' tiktbu jew la Maltija jew tħallih skont l-ortografija tal-Ingliż** (eż. kompjuter/computer, ħelikopter/helicopter, fajl/file)

Għalhekk mill-istess zokk jista' jkollna:

- In-nom: scanner/skener, strike/strajk, strajkijiet
- Il-verb: skenja, niskenja, skenjajt, tistrajkja ...
- In-nom verbali: skenjar, scanning/skening,
- Il-parteċipju passiv: skenjat, skenjata, skenjati

Eżempju f'kuntest:

- Il-hacker/ħeker daħalli fis-sistema u ħħekkjali l-kontijiet bankarji. Tressaq il-qorti u nstab ħati ta' hacking/ħeking għax l-iħħekkjar meqjus reat gravi.

## L-għażla bejn iż-żewġ kitbiet tal-kelma:

- ikollha ssir minn min ikun jikteb minħabba li mhux in-nomi kollha jipprestaw ruħhom indaqs biex jinkitbu la Maltija.
- hija soġġetta għal differenzi minn individwu għal ieħor, għax tvarja skont il-livell tal-edukazzjoni, l-età u l-influwenzi kulturali.

F'każi bħal dawn il-kittieb huwa ħieles li jagħżel il-kitba li tidhirlu l-aħjar fil-każ speċifiku filwaqt li jżomm il-konsistenza fl-għażla tiegħu.

## Il-qabża minn sistema għal oħra

- L-użu ta' żewġ sistemi flimkien bla distinzjoni jista' jwassal għal konfużjoni jew jgħaddi l-messaġġ lil min ikun qed jikteb li jista' jibda jissellef bla bżonn, mal-iċken diffikultà:
- Din il-problema tinħass b'mod speċjali fil-qasam edukattiv

**GĦAD-DISKUSSJONI - 1**

Il-kliem miktub la Ingliża se nimmarkawh?
Jekk iva, kif? ‘ ’ “ ” *korsiv*



# Xi Rakkomandazzjonijiet

Ħlief għal xi kliem li ndara jinkiteb la Maltija, ikun wisq aħjar jekk dawn inħalluhom bl-Ingliż:

1. Il-kliem li l-forma ortografika Maltija tiegħu titbiegħed wisq minn dik Ingliża.

Eż.

union/junjin/unjin
hockey/ħoki
foundation/fawndejxin
shutter/xater
voucher/vawċer
icing/ajsing

2. Il-kliem kompost minn żewġ kelmiet

windscreen - windskrin

shockabsorber - xokebżorber

hairdresser - ħerdreser

part-timer - partajmer

fire extinguisher - fajerekstingwixer

# Kif għandna niktbu la Maltija l-kliem Ingliż

- **Il-kliem jinkiteb fonetikament kif jinstema' fil-Malti.**

**Iz-zokk fil-konjugazzjoni tal-verb**

Il-verbi ta' nisel Ingliż ikollhom **mamma** (x'għamel hu) li normalment tispiċċa bit-tarf ***-ja***

(eż. *startja/jistartja, iffilmja/jiffilmja*).

- Il-konjugazzjoni tal-verb tinbena fuq **iz-zokk**.
- Iz-zokk - dak li jibqa' meta nneħħu ż-żidiet kollha minn mal-mamma.
- Il-ġeminazzjoni ma titqiesx parti miz-zokk.

## B'dan il-kriterju jista' jkollna...

- (a) **Verbi li z-zokk tagħhom jinkiteb dejjem b'konsonanti singla qabel il-ja**

Dawn jinkludu:

1.verbi li z-zokk tagħhom huwa b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila

Eż. jillikja

jispidja

tiffidja

IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

- 2. verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa jew b'konsonanti likwida (L, M, N jew R) jew b'semivokali (W, J) independentement min-numru tas-sillabi u mit-tul tal-vokali taz-zokk tagħhom.

Eż. iġġamja [mhux ~~iġġammja~~],

skrolja [mhux ~~skrollja~~],

skenja [mhux ~~skennja~~],

$^{i}$ttrimja [mhux ~~$^{i}$ttrimmja~~],

$^{i}$ddribilja [mhux ~~$^{i}$ddribillja~~],

$^{i}$ttekilja [mhux ~~$^{i}$ttekillja~~],

$^{i}$kkejterja [mhux ~~$^{i}$kkejterrja~~];

sprejja [mhux ~~sprejjja~~])

- **(b) Verbi li z-zokk tagħhom jinkiteb dejjem b'konsonanti mtennija jew b'żewġ konsonanti qabel il-ja**

Dawn jinkludu:

- 1.Verbi li z-zokk tagħhom ikun b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira

Eż. $^{i}$ċ**ċekk**ja, $^{i}$p**pakk**ja

$^{i}$s**sett**ja, $^{i}$ċ**ċett**ja

**stokk**ja, $^{i}$b**bukk**ja

$^{i}$b**blaff**ja, $^{i}$ġ**ġogg**ja

$^{i}$p**park**ja, $^{i}$f**film**ja

(Ħlief għall-verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa b'konsonanti likwida jew b'semivokali)

- (ċ) **Verbi li fil-pronunzja Maltija joffru żewġt izkuk alternattivi (b'konsonanti finali singla jew doppja)**

- Il-mamma ta' dawn il-verbi fil-Malti jista' jkollha żewġ pronunzji differenti:

bl-aċċent fuq l-ewwel sillaba → iz-zokk jinstema' b'konsonanti waħda fit-tarf

bl-aċċent fuq it-tieni sillaba → iqawwi l-ħoss tal-aħħar konsonanti.

Eż.

- i**ppanik**ja (ji**ppanik**ja, ni**ppanik**jaw, i**ppanik**jajtu)
- i**ppanikk**ja (ji**ppanikk**ja, ni**ppanikk**jaw, i**ppanikk**jajtu)

- ib**baġit**ja (jib**baġit**ja, jib**baġit**jaw, ib**baġit**jajna)
- ib**baġitt**ja (jib**baġitt**ja, jib**baġitt**jaw, ib**baġitt**jajna)

- i**ppolix**ja (ji**ppolix**ja, ti**ppolix**jaw, i**ppolix**jajna)
- i**ppolixx**ja (ji**ppolixx**ja, ti**ppolixx**jaw, i**ppolixx**jajna)

- Fit-taħdit nistgħu nippronunzjaw dik il-forma li jidhrilna li hija l-aktar naturali għalina.

**GĦAD-DISKUSSJONI - 2**

- Fil-kitba għandna nagħżlu forma waħda għall-konsistenza?
- Jekk iva, liema waħda?



- **jekk narbitraw favur id-doppja - immorru kontra t-tendenza attwali tal-Malti li jersaq aktar lejn il-pronunzja Ingliża**
- **jekk narbitraw favur is-singla - inkunu qed niffavorixxu pronunzja li kulma jmur qed tiżdied imma mbagħad għandek eżempji bħal *iggaraxxja*, *iffessteġġja*, *skariġġja* li nħossuhom bid-doppja.**

## U l-possibilitajiet differenti

## … mhux fil-verb biss!

- *ippanikja/ippenikja, ippa(e)nikjat, ippa(e)nikjar,*
- *ippa(e)nikkja, ippa(e)nikkjat, ippa(e)nikkjar,*
- *ippa(e)nikja, ippa(e)nikkjat, ippa(e)nikkjar,*
- *ippa(e)nikkja, ippa(e)nikjat, ippa(e)nikjar,*

# Kliem b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira

- Fil-Malti l-element konsonantali li jagħlaq sillaba aċċentata b'vokali qasira huwa jew (a) konsonanti mtennija jew (b) sekwenza ta' żewġ konsonanti differenti jew aktar.

- Eż.

  minn, kull, qatt, kuntatt, kulħadd, kissirt,

  rikk, skart, ingann, ma ħawwadtx

- Bl-istess mod…

Kliem Ingliż **b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira** jinkiteb b'konsonanti mtennija jew b'żewġ konsonanti differenti fit-tarf, anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra:

- Eż. - **b'konsonanti mtennija:**

  (set) – sett, (gas) – gass, (lot) – lott, (van) – vann, (fan) – fann,

  (skip) – skipp, (cheque) – ċekk, (block) – blokk, (truck) – trakk,

  (tip) – tipp;

  **- b'żewġ konsonanti differenti:**

  (park) – park, (film) – film, (turf) – terf;

  **- b'elementi miżjuda:**

  vann – vannijiet, blokk – blokka, blokks; sett - issettjat,

  gass – gassijiet, xokk – jixxokkja, tipp – tipps, blogg – bloggs

**Eċċezzjoni**:

- Il-konsonanti mtennija taz-zokk issir singla meta:

(i) l-element miżjud ikun **-er, –ing, –is**

- Eż. ibbu**kk**ja imma bu**king**, iffla**xx**ja imma fla**xing**.

sett imma seting,

blogg imma bloger; iħħekkja imma ħeker;

swiċċ imma swiċis; friġġ imma friġis;

(ii) verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa b'konsonanti likwida jew b'semivokali.

Eż. skrolja, skenja

**Nota – Iz-Zokk**

- Fil-Malti z-zokk tal-kelma jista' jidher f'iktar minn sura waħda fil-kliem imnissel minnu.

Eż. (Malti Semitiku): **raħal/raħl**- (**raħal, raħli**);

**fisser/fissr** - (**fisser, fissru**),

(Malti Rumanz): **divid-/diviż**- (**ˈddivida, diviżjoni**);

**popol-/popl** - (**popolazzjoni, poplu**).

- Bl-istess mod...

Familja ta' kliem Ingliż tista' tkun irrappreżentata minn zokk li jkollu iktar minn sura waħda.

# Kliem b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila

Kliem Ingliż **b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila** fil-Malti ma jinkitibx b'konsonanti mtennija fit-tarf, anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra

- **b'konsonanti waħda**: (seat) – sit, (grease) – gris, (team) – tim
- **b'elementi miżjuda**: sit – sits, tim – timijiet/tims, illikja, jispidja

# Il-Plural -s

- Xi kliem missellef mill-Ingliż jifforma l-plural tiegħu biż-żieda ta' -s f'tarf is-singular.

  (*eż*. **film - films**, **kompjuter - kompjuters**)

- Tibqa' tinkiteb -s ukoll meta tieħu l-ħoss ta' ż.

  (*eż*. niktbu: klabbs u mhux *klabbż; bloggs mhux *bloggż).

- Meta l-s tal-plural Ingliż issir parti mill-kelma (jiġifieri ma jibqgħalhiex il-funzjoni li timmarka l-plural) tinkiteb kif tinħass,

  (eż. **buz** (pl. **bwiez**) u mhux ***buts**; **xorz** (pl. **xorzijiet**) u mhux *xorts)

IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

# Il-Prefiss *ex*

- Il-prefiss ex jista':

- jew jibqa' jinkiteb **ex/*ex*** separat mill-kelma ta' warajh,

  Eż. ex plejer, ex ministru, ex spettur, ex għalliema, ex prim ministru,

  l-Ex President Joe Attard, eċċ. jew

- jinkiteb fonetikament **eks** separat mill-kelma ta' warajh,

  Eż. eks plejer, eks ministru, eks spettur, eks għalliema,

  eks prim ministru, l-Eks President Joe Attard, eċċ.

# Il-kitba tal-vokali tal-leħen

Meta quddiem kelma Ingliża tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, ortografikament din għandha tidher bħala parti integrali mill-kelma u għalhekk għandha ssegwi l-istess stil tal-kumplament tal-kelma

- fil-virgoletti: L-'ispeaker' li mingħalih xtara, kien kaxxa vojta.
- bil-korsiv: L-*ispeaker* li mingħalih xtara, kien kaxxa vojta.
- bil-grassett: L-**ispeaker** li mingħalih xtara, kien kaxxa vojta.

- Meta l-vokali tal-leħen tiżdied ma' nomi komuni u titli/ismijiet ta' kariga tinkiteb ħaġa waħda man-nom b'dan il-mod:

  L-ispanner u l-iskateboard tfajthom bi żball fl-iskip.

  L-Ispeaker Paul Borg (bħal: l-Ispiżjar Paul Borg)

- Quddiem in-nomi proprji (ismijiet ta' pajjiżi jew postijiet, ditti, eċċ.) li ma jinkitbux la Maltija, il-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u l-isem jinkiteb b'ittra kbira:

  l-iSprite, l-iStergene    l-iSplash and Fun

  l-iSky Mountains    l-iSpice Girls

## Quddiem l-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet ta' pubblikazzjonijiet

- Quddiem ismijiet xjentifiċi u ismijiet ta' pubblikazzjonijiet il-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira b'dan il-mod:

- l-*iStreptococcus pneumoniae*, l-*iStaphylococcus aureus*, l-*iStephanotis floribunda*, l-*iStegosaurus ungulatus*,

- L-*iSpanish for Dummies, il-ktieb li sliftek ilbieraħ, żgur li se ssibu utli.*

Bil-kitba

- l-"iStarwars", mal-"iStephanotis floribunda", tal-"iStegosaurus ungulatus"

IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

# Il-Kitba tal-artiklu u prepożizzjonijiet quddiem kliem u taqsiriet bl-Ingliż

**Quddiem kliem miktub mhux la Maltija** niktbu l-artiklu (jew il-prepożizzjoni mal-artiklu) skont kif illissnu jiġifieri (skont il-kriterju fonetiku)

- *Eż*. ix-show, iċ-chit, is-Celtic, ix-shuttle, iċ-chairperson, is-central heating, il-United, il-union.
- Fil-Eurovision kien hemm ħafna kanzunetti sbieħ.
- L-interpretazzjoni ta'/t' Alex tagħmel aktar sens.
- Rajt 'il Yvonne imma 'l Eucharist ma rajtux.
- B'cassette bħal dan m'int se tagħmel xejn.
- Fi cubicle minnhom kien hemm żewġ interpreti.
- Kelli l-ħsara fix-shock absorbers.

## Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi

- akronimi (taqsira li tinqara bħala kelma waħda): il-UNESCO, in-NATO, in-NASA, ir-RAI; il-WHO;
- l-inizjaliżmi (taqsira li tinqara ittra ittra) id-WHO, is-CMTU, l-RTK, il-UĦM.

Eż. Daħal membru fl-MUT.

Daħlu membri fil-UĦM.

B'GPS qadim m'aħniex se naslu fil-post li nixtiequ.

F'SMS minnhom qalli li ma tantx kien jiflaħ.

Fl-istudju tagħha waslet sa/s'LSA.

# Il-Kitba wara kliem u taqsiriet bl-Ingliż

1. Is-sistema ortografika tal-Malti hija magħġuna minn bosta prinċipji differenti fosthom il-prinċipju fonetiku, fonoloġiku, etimoloġiku, morfoloġiku u l-prinċipju viżiv.

2. Il-prinċipju viżiv jintuża, fost l-oħrajn, meta niktbu l-artiklu wara kliem li jispiċċa **-għu** jew **-għi**, pereżempju:

*jitil**għu** t-taraġ, il-frie**għi** l-qodma.*

Wara kliem bħal dan ukoll ma niktbux il-vokali tal-leħen minkejja li fit-taħdit insemmgħuha *eż. nist**għu** nkunu, nibq**għu** nsibu* eċċ.

Hekk ukoll niktbu *jist**għu** **j**kunu, jitil**għu** **w**koll*, eċċ. minkejja li llissnu /ɪ/ u /ʊ/ rispettivament.

F'dawn il-każi kollha ma nimxux mal-prinċipju fonetiku iżda mal-kitba tal-vokali li naraw fit-tarf tal-kelma. (**il-prinċipju viżiv**)

**Wara kliem miktub mhux la Maltija** niktbu skont il-kitba tal-aħħar ittra tal-kelma jiġifieri **skont il-kriterju viżiv**. Għall-fini ta' din ir-regola l-ittra *y* titqies bħala konsonanti.

- L-istudenti li ġew għal-lecture wrew ħeġġa kbira.
- Il-mewġa qalbet id-dinghy ukoll.
- Biex jipprattikaw il-waterpolo jridu jkunu għawwiema tajba.
- It-trolley il-qadim aħjar tarmih.
- Il-cassette l-ġdid qiegħed fil-kaxxa.
- Il-pineapple 'l ħadd ma togħġob.

- It-three-ply illum ma tantx għadu jintuża għal din l-għamara.
- Melbourne llum hija waħda mill-akbar bliet tad-dinja.
- Lil Laurent idejquh l-istejjer tal-biża'.
- Simon 'il ħadd m'għaraf.
- Irene lbieraħ ma ġietx.
- Ir-Renault il-ġdida qed nibża' għaliha.
- Meta morna l-Ingilterra żorna Beaulieu wkoll imma Lympne jkollna mmorru darb'oħra għax ma kellniex ħin biżżejjed
- Is-Sinjura Featherstonehaugh ilbieraħ ma ġietx u s-Sur Lescroart illum ma jiflaħx.

- (kemm jekk ippronunzjata /sɪˈmɔ̃ /, kif ukoll jekk ippronunzjata /ˈsɐjmɪn/)
- (kemm jekk ippronunzjata /ɐjˈriːn/ kif ukoll jekk ippronunzjata /ɪˈrɛːnɛ/)
- (kemm jekk ippronunzjata (rɛˈnolt) kif ukoll jekk ippronunzjata /rɛˈn ɔː/)
- (ippronunzjati /'bju:li/ u /lɪm/)
- (ippronunzjati /ˈfænʃɔː/ u /lɛs'kwɐ:/)

IL-KITBA TAL-KLIEM
MILL-INGLIŻ
FIL-MALTI
... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

- Niltaqgħu fil-5:00 p.m. illejla.
- Int mhux fl-10:00 a.m. ukoll kellek tiġi?

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi:

- In-NATO llum m'għadhiex forza b'saħħitha daqs qabel.
- Missieri daħal membru fil-GRTU lbieraħ u ħija daħal membru fl-MUT illum.
- Jekk il-BBC ikun jinstema' sew, nisma' l-aħbarijiet fuqu imma mbagħad narahom fuq ir-RAI wkoll.

- (kemm jekk ippronunzjata /ˈnɛjtɔw/ kif ukoll /ˈnɐːtɔ/)

- (kemm jekk ippronunzjata ittra ittra kif ukoll jekk ippronunzjata kelma kelma)

## Ġustifikazzjoni

Għall-prattiċità, fil-każi msemmija, ikun aħjar jekk jintuża **l-prinċipju viżiv** minħabba li:

- diġà jintuża b'mod frekwenti fir-regoli tal-ortografija Maltija;
- jeżistu ismijiet li jistgħu jkunu ppronunzjati b'aktar minn mod wieħed;
- jeżistu ismijiet li ma nkunux nafu kif nippronunzjawhom;
- ta' spiss niltaqgħu ma' akronimi/abbrevjazzjonijiet li ma nkunux nafu kif illissnuhom, jiġifieri jekk hux ittra ittra, kelma sħiħa jew bħala frażi.
- dan il-prinċipju jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni ta' ċekkjatur
- japplika fil-każi kollha fejn il-kriterju fonetiku ma jaqdiniex, joħloq uniformità ortografika u jnaqqas l-inċertezzi fil-kitba kemm għal min qed jikteb, kif ukoll għal min qed jikkoreġi jew jitgħallem il-Malti.

# GRAZZI